# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## <u>DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law)</u>
## <u>MAGISTRAT</u>

Illum: 22 ta' Novembru 2001.

Il-Pulizija;

(Spettur Martin Sammut)

vs

George Grima.

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuzi kontra:

**George Grima, bin Emanuel u Filomena née Cardona, li joqghod 99 Triq Toni Zahra, Zejtun, detentur tal-karta ta' l-identita numru 710959(M),** akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 ta' Mejju 1998 u fiz-zminijiet ta' qabel:

1. Minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija zamm f'xi fond arma tan-nar jew munizzjon bi ksur ta' l-Artikolu 3(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi gie fil-pussess ta' l-arma tan-nar jew munizzjon, xort'ohra milli b'licenzja, u naqas milli minnufih jaghti avviz taghhom lill-Kummissarju tal-Pulizija bi ksur ta' l-Artikolu 9(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghall-bejgh, jew importa ghall-hsieb ta' kummerc, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema mxebbhin b'qerq u cioe` diversi 'videos' u 'CD's' tal-'Playstation' u dan bi ksur ta' l-Artikolu 298(1)(f) tal-Kap 9 Ligijiet ta' Malta;

4. Fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u d-Direttur tat-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa talli nstab li xjentement fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu 'air gun' tal-marka 'Webley and Scott' kalibru 22.5mm, numru ta' serje 828937 flimkien ma' 'telescopic sight - Bisley 4x20', li l-importazzjoni taghhom hija projbita u/jew ristretta, tal-valur ta' Lm20 u li fuqhom kellha tithallas Taxxa tas-Sisa fuq Importazzjoni li tammonta ghal Lm3, liema taxxa ma gietx imhallsa u/jew kawtelata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 69 ta' l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa (Att nru XII ta' l-1997);

Rat in-nota tal-Avukat Generali biex il-kawza tinstemgha sommarjament mhux opposta;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

L-imputat qieghed jigi akkuzat:

- taht l-Artikolu 298 (1) (f) tal-Kap 9 li xjentement qieghed fic-cirkolazzjoni, biegh jew zamm ghandu ghall-bejgh jew importa ghal hsieb ta’ kummerc, merkanzija b’marka, sinjal jew emblema mxebbhin b’qerq;

- taht l-Artikolu 3(1) u 9(1) rispettivament tal-Kap 66 li zamm arma tan-nar jew munizzjon minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija u li naqas li jaghti avviz lill-istess Kummissarju tal-Pulizija ta’ l-arma tan-nar jew munizzjon li giet fil-pussess tieghu xort’ohra milli b’licenzja;

- taht l-Kap 37 (Ordinanza tad-Dwana) u l-Att XII tan-1997 (Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u Sisa) li xjentement kellu l-arma in kwistjoni fil-pussess tieghu flimkien ma’ ‘telescopic sight’ minghajr ma kien thallas id-dazju kif ukoll it-Taxxa tad-Dwana u Sisa.

Ikkunsidrat:

- Illi l-fatti specie tal-kaz huma li fuq telefonata anonima dwar ikkuppjar ta’ ‘videos’ il-pulizija marru fil-hanut ‘Downtown Video’ z-Zejtun gestit mill-imputat u minn tfittxija li saret elevaw 44 ‘videos’, 12-il ‘compact disc’ u 29 ‘videos’ ohra li kienu vojta. Ma nstab ebda ‘recording equipment’ lanqas fit-tfittxija li segwiet fl-appartament fejn jirresjedi l-imputat fil-vicinanzi. Pero` u fil-kors ta’ din l-ahhar tfittxija gie elevat ‘air-rifle’ armat b’lenti teleskopiku.

Ikkunsidrat:

- Illi in propositu ghal din l-arma tan-nar ebda munizzjon ma nstab. Anzi ghandu jigi precizat li din l-arma munita bil-lenti teleskopiku kienet imdendla ma' hajt ghal uzu ornamentali. L-imputat ammetta li hu ma kienx kopert b'licenzja mill-Kummissarju u lanqas li kien ta avviz lill-istess Kummissarju meta gie fil-pussess taghha.

- Fuq tali fatt, cirkoskritt fic-cirkostanzi ta' fejn u kif instabet l-arma l-imputat ghandu jinstab hati taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66 izda ghandu jibbenefika mill-proviso ta' l-istess artikolu stante li hu palisi l-fatt li l-arma kienet biss ghall-uzu ornamentali, dan abbinat mal-fatt li l-akkuzi li jittrattaw l-arma ghandhom jittiehdu u jigu kkunsidrati 'unico contestar'.

Ikkunsidrat:

- Illi in kwantu l-akkuzi huma diretti kontra l-Odinanza tad-Dwana u l-Att tad-Dwana u tas-Sisa l-ebda prova ma ngabet mill-prosekuzzjoni dwar <u>meta</u> l-imputat gie fil-pussess ta' l-arma in kwistjoni u kwindi u fil-hsieb tal-Qorti l-akkuzi in kwantu huma diretti ghal dawn iz-zewg ligijiet ma jreggux.

Ikkunsidrat:

Illi ghar-rigward l-offiza li tittratta l-qerq fil-kummerc u l-industrja jirrizultaw pruvati l-fatti segwenti:

- Li l-oggetti meritu dina l-parti ta' l-akkuza, konsistenti l-'videos' u l-'compact discs', kienu effettivament fil-pussess ta' l-imputat fil-hanut tieghu gewwa z-Zejtun;

- Li mir-relazzjoni ta' l-espert nominat jirrizulta li l-parti l-kbira tal-'video cassettes' kienu kopji; idem zewg 'compact discs';

- Li l-imputat fl-istqarrija tieghu mistoqsi jekk kienx jaf li kienu kopji rrisponda li ma kienx jaf specjalment fejn jidhlu c-CD's dwar liema lanqas idea ma kellu taghhom;

- Li l-Artikolu 298(1)(f), taht liema qieghed akkuzat l-imputat, jirrikjedi x-xjenza li ghandha tigi ppruvata mill-prosekuzzjoni**.** Fir-rigward dan il-Qorti tosserva li ma rrizultax li l-'videos' vojta kienu mbaghbsa u ghall-ohrajn, komprizi l-'compact discs', l-ammont ta' kopji kien wiehed esigwu komparat man-numru li kienu jinsabu fil-hanut.

L-Ispettur Petroni difatti rrimarka fix-xhieda tieghu li hamsa u disghajn fil-mija tal-merkanzija fil-hanut kienet genwina. Minbarra dan mhux traskurabbli il-fatt, fl-ambitu ta' l-iskop principali tat-tfittxijiet fuq l-imputat, li ebda ekwipaggjament ta' rikordjar ma instab.

Dan kollu jsahhah dak li sostna l-imputat dwar in-nuqqas ta' scienter da parti tieghu u l-prosekuzzjoni, da parti taghha, u fil-fehma ta' din il-Qorti, ma ppruvatx din il-parti ta' l-akkuza sal-grad minnha rikjest.

Ghalhekk u in vista tal-fuq espost tiddeciedi l-kawza billi ssib l-imputat hati ta' l-ewwel u t-tieni akkuza u wara li rat l-Artikolu 3(1) u 9(1) tal-Kap 66 tiddeciedi li tikkundannah  tletin lira Maltin (Lm30) multa.

Tirrizerva li tipprovdi ulterjorment ghar-rilaxx o meno ta' l-oggetti esibiti wara rikors appozitu.

A. M. Trigona,
Magistrat.

Niddikjara li ttraskrivejt fedelment u onestament r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Deputat Registratur.